MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 346/2010

**Joseph GAUCI f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta ta' awdituri u accountants KSI Malta**

**Vs**

**Angelo GRIXTI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-atturi mressqa fil-11 ta' Frar, 2010** u li permezz taghha huma talbu lill-konvenut jhallashom s-somma ta' elf mija u tmenin euro [€1,180] u dan wara li ppremettew hekk:

"Din hija istanza ghall-kanonizazzjoni ta' kreditu fl-ammont ta' elf mija u tmenin euro (€1,180) rapprezentanti import ta' prezz u valur ghal servizzi u prestazzjonijiet professjonali svolti mill-attur ghak-kont u ghall-beneficcju ta' l-intimat segwitu ghal struzzjonijiet tal-istess intimat,

liema import baqa ma thallasx u ghadu sallum mhux imhallsa.

Oltre l-ammont fuq imsemmi l-konvenut ghandu jhallas l-imghaxijiet fuq l-imsemmi mport mid-data tal-fattura flimkien mal-ispejjez ta' din it-talba u tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2009".

Ra **r-risposta tal-konvenut** minnu mressqa fit-18 ta' Marzu, 2010 u li permezz taghha huwa eccepixxa hekk:

"1) Illi l-ammont reklamat mill-attur fil-konfront tal-konvenut huwa ezagerat u ma jirrispekjax il-mili tal-formola li giet sottomessa mill-konvenut;

2) Illi di piu, jigi rilevat li l-konvenut ghamel diversi ricerki u xoghol ancillari sabiex il-formula sottomessa tkun konkluza;

3) Illi minghajr pregudizzju l-konvenut dejjem kien dispost li jhallas ghas-servizzi rezi mill-attur, izda l-konvenut ma huwiex dispost li jamministra pagament fl-ammont ezagerat li l-attur qieghed jirreklama.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni".

Ra l-verbal datat 2 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Pio Vella**, *financial controller* tas-socjeta attrici xehed fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2010. Huwa stqarr li kien cempel lill-konvenut xi tlieta jew erba' darbiet sabiex jigbor il-flus reklamati mill-atturi f'din il-kawza u kull darba l-konvenut kien iwiegbu u jghidlu li huwa kien lest li jhallas pero kellu bzonn biss ftit cans.

2. **L-attur Joseph Gauci** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Qal li huwa il-*Managing Partner* ta' KSi Malta li hi ditta ta' accountants, awdituri u konsulenti kemm ghal ditti lokali u dawk internazzjonali.

F'Novembru, 2008 il-konvenut ikkuntatja lix-xhud ghax ried japplika ghal fondi ta' l-Unjoni Ewropeja taht "Measure 121-Modernization of Agricultural Holdings". Zied ighid li d-ditta tieghu "*ghandha sezzjoni specjalizzata fuq agrikolutra u fil-fatt taghmel hafna xoghol mal-Ministeru ta' Rizorsi u Affarijiet Rurali*" (fol. 12).

Meta l-konvenut tkellem max-xhud, huwa ntalab jgib sensiela ta' dokumenti, inkluz il-kotba tal-bank, il-permessi tal-MEPA u pjanta tal-*farm*. Meta l-konvenut gab dawn id-dokumenti, huwa ghadda dawn id-dokumenti ghand Pauline McKay, il-*manager in charge* li hadmet fuq l-istudju. Wara li l-istudju tlesta fiz-zmien stipulat, dan gie depozitat ma' l-istess Ministeru skond ir-regoli ta' l-istess mizuri. Ix-xhud zied ighid li din l-applikazzjoni giet accettata mill-Ministeru u tant ix-xoghol kien sar kif suppost, li l-Ministeru ma talbu l-ebda kjarifika fuq dan l-istudju.

Ghar-rigward tar-rati professjonali li huma ibbiljaw lill-konvenut, ix-xhud ighid li "*Ir-rati taghna jigu applikati skont il-grad tal-persuna li tkun hadmet fuq l-istess studju u applikazzjoni u skont il-hin li tali persuna jew persuni jiddedikaw ghall-preparazzjoni ta' l-istudju u l-applikazzjoni*" (fol. 12).

Dan l-istudju ha sebgha u ghoxrin (27) siegha biex tlesta. Ix-xhud ghamel hames sieghat bis-€70 is-siegha, Pauline McKay ghamlet tnax-il siegha bil-€50 is-siegha u Brian Farrugia ghamel sitt (6) sieghat bl-€40 is-siegha. Pauline McKay kienet il-persuna li kitbet ir-rapport, Brian farrugia kellu bhala xoghol dak li jiccekkja l-figuri u janalizza l-figuri finanzjarji filwaqt li x-xhud ighid li hu bhala *partner* jkun ra l-istudju u ivverifika li dan sar skond il-principji li jitlob il-*measure 121*.

Dak-in-nhar li l-konvenut gabar ir-rapport minghand l-atturi, huwa kien informa lil Pauline McKay li kien ser ihallas aktar tard. Wara li kienu ghaddew tlett (3) xhur u l-hlas baqa ma giex, huma bdew jikkomunikaw mieghu bit-telefon sabiex jmur ihallas. Kien hemm xi okkazzjonijiet fejn kien irrisponda t-tifel tal-konvenut fejn huwa infurmahom li missieru kien sejjer ihallas. Ix-xhud zied ighid li qatt ma kien hemm xi diskors li l-kont kien gholi. Kien biss meta nbdew dawn il-proceduri li l-konvenut qal li l-kont kien gholi.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2012 xehed in kontro-ezami l-attur li qal li huwa ltaqa mal-konvenut fi tlett (3) okkazzjonijiet u mieghu kien hemm ibnu (cioe iben il-konvenut). L-attur jichad li huwa qatt ta garanzija lill-konvenut li kienu ser jingiebu l-fondi mill-EU. Qabel pero mal-fatt li huwa kien qal lill-konvenut li huwa kellhu cans kbir illi jgib il-fondi mill-Unjoni Ewropeja peress li kien jaqa taht il-kriterji tal-fondi li huma kienu applikaw ghalihom.

Qal ukoll li normalment fuq applikazzjoni bhal din huma jqattghu madwar ghoxrin (20) siegha li b'rata ta' sittin euro (€60) is-siegha, jigu elf u mitejn euro (€1,200).

Ghar-rigward tat-tip ta' xoghol li ghamlu l-addetti tal-Ksi Malta, dan ix-xhud stqarr li Brian Farrugia, li ghandu grad ta' *manager* kien ghamel il-parti finanzjarja filwaqt li Pauline McKay rat u ivverifikat li teknikament huma kienu qeghdin jaqblu mal-kundizzjonijiet tat-*tender* u finalment huwa bhala *partner* tad-ditta msemmija jara li r-rapport ikun inhareg skond l-istandards tad-ditta. Oltre dan huwa jkun vverifika ukoll il-figuri sabiex "*meta nkun qed niffirma r-rapport jiena nkun cert li dak ir-rapport huwa sew*" (fol. 83).

L-attur stqarr ukoll li "*ghar-rigward tal-elf u mitejn euro li konna ahna baghtna lil konvenut biex ihallasna wara li lestejna x-xoghol ghandi nghid illi dan l-ammont kont ftehmt mieghu cioe mal-konvenut dakinhar illi huwa kien gie ghandi d-dar jigifieri l-konvenut kien jaf mal-ewwel kemm kien ser ikun il-kont*" (fol. 83).

Il-kont in kwistjoni inghata lill-konvenut dak-in-nhar li inghata l-applikazzjoni biex imur biha ghand id-Dipartiment tal-Gvern koncernat. Meta wara xi zmien l-addetti tas-socjeta attrici bdew icemplu lill-konvenut ghal hlas, huma bdew isibu lill-ibnu li da parti tieghu dejjem stqarr maghhom li missieru kien sejjer ihallas. Kien biss wara xi sitt (6) xhur li l-konvenut kien inghata l-kont mis-socjeta attrici li hija rceviet ittra minghand l-avukat tal-konvenut u li permezz taghha "*... gejna nfurmati illi ahna zammejna izjed milli kien haqna*" (fol. 83).

Finalment l-attur in kontro-ezami jghid li "*il-kont tajnihulu dakinhar illi gie jigbor l-applikazzjoni minghandna jigifieri meta gabar l-applikazzjoni biex jehodha ghand il-Gvern il-konvenut kien jaf kemm kien il-kont, li kieku ma qabilx mieghu missu ma hadhiex*".

Meta reggha xehed, l-attur qal li f'dan il-kaz gara li kien hemm izjed applikazzjonijiet milli suppost u cioe milli kien hemm fondi u l-Gvern ghamel l-ghazla tieghu skond il-kriterji tieghu.

3. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2010 xehed **il-konvenut Angelo Grixti**. Qal li jrabbi l-annimali, partikolarment in-naghag. Meta iben il-konvenut kien qieghed ghal btala gewwa l-Italja, huwa ltaqa mal-attur u huma ddiskutew il-kwistjoni ta' fondi li huwa (cioe l-konvenut) seta jiehu mill-Unjoni Ewropea ghal *farm* tieghu. Iben il-konvenut kien infurmah dwar din il-konversazzjoni u peress li l-istess konvenut kien imhajjar, huwa u ibnu marru ghand l-attur sabiex jkunu jistaw japplikaw ghal istess fondi. Skond ma xehed il-konvenut, l-attur kien infurmah li huwa (cioe l-konvenut) kellu bzonn xi mitt elf euro (€100,000) ghal progett li huwa ried jaghmel. Dak-in-nhar li kienu ltaqaw ghand l-attur, dan ta' l-ahhar infurmah sabiex it-Tnejn ta' wara jmur l-ufficju ghandu gewwa Guardamangia. X'hin il-konvenut wasal fl-ufficju ta' l-attur, l-istess attur kien qabbdu ma tfajla li tahdem mieghu u qalilha sabiex timlilu l-formoli necessarji. Din it-tfajla kienet talbitu sabiex igib tlett stimi fir-rigward ta' xi fridge, freezer u geyzers. X'hin il-konvenut akkwista dawn it-tlett stimi, huwa mar bihom gewwa l-ufficju ta' l-

attur u ghadda l-imsemmija stimi lit-tfajla li kienet kellmitu originarjament li imliet il-formoli necessarji. Wara l-konvenut inghata din il-formula u baqa sejjer biha l-Ghammieri.

Il-konvenut ighid li huwa b'kollox kellem lill-attur darba u f'din l-okkazzjoni kien staqsieh kif kien ser jhallsu jekk huwa jiehu dawn il-mitt elf euro (€100,000) li kien applika ghalihom. Skond ma xehed il-konvenut, l-attur qallu li "*jekk kont ser niehu l-fondi li kont qed nitlob kelli ntih one per cent taghhom*" (fol. 17). Il-konvenut stqarr ukoll li dak il-hin qal lill-attur li "*...jekk niehu l-fondi kont inhallsu l-one per cent izda jekk ma kontx ser niehu l-fondi kont bi hsiebni nhallsu biss ta' jdejh*" (fol. 17). Il-konvenut jammetti pero li "*dak il-hin is-Sur Gauci ma qallix kemm kien il-valur li kellu jiehu t'idejh biss*" (fol. 17). Wara li kien ghadda xi zmien, il-konvenut gie nfurmat li huwa ma kienx inghata l-fondi li kien applika ghalihom.

Sussegwentement l-attur baghtlu ittra fejn talab il-hlas reklamat f'din it-talba u huwa kien irrispondih tramite l-avukat tieghu li huwa kien bihsiebu jhallsu ghax-xoghol ta' idejh biss peress li ma kienx ha l-fondi. Il-konvenut ighid li huwa kien offra lill-attur il-hlas ta' mitt euro (€100).

Meta reggha xehed fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2012 il-konvenut reggha qal "*meta jiena staqsejtu kemm kien ser jiehu ta' idejh huwa kien semmieli s-somma ta' wiehed fil-mija tas-somma illi niehu. Jiena ghidtlu illi jekk niehu jiehu jekk pero ma niehux jiehu ta' idejh, dak kien il-ftehim li ghamilt jien*" (fol. 84).

4. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2011 xehed **Carmel Farrugia,** rapprezentant tal-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li qal li l-iskema ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea ntitolata *Measure 121/Modernisation of Agriculture Holdings* kienet tirrigwarda mizuri ta' nvestiment f'settur tal-Agrikoltura kemm ghal bdiewa kif ukoll ghar-rahhala u dan specifikatament fejn jidhol makkinarju u ngenji u anke fuq strutturi ta' bini li ghandhom x'jaqsmu mar-raba' bhal per ezempju tinda ghal baqar, rziezet, kmamar, *stores* et cetera.

Dan ix-xhud kompla jghid li biex wiehed ikun jista japplika ghal iskema, huwa ried ikun registrat mal-ETC bhala *full time farmer* jew anke *part-time farmer*. Sabiex wiehed japplika ghal din l-iskema, irid jimla formola, liema formola tista timtela mill-bidwi stess allavolja, jghid dan ix-xhud, hemm sezzjonijiet ta' l-istess applikazzjoni li jkunu jridu jimtlew minn *accountant* jew anke awditur. F'kaz li l-applikant ikun qed japplika ghal ghotja ta' aktar minn hamsin elf euro (€50,000) allura l-formola tkun trid timtela minn *accountant* jew awditur. F'kaz li l-applikant ma japplikax ghal ghotja f'ammont inqas minn dan l-ahhar ammont, allura l-istess applikant jkun jista jimla din is-sezzjoni riservata ghall-*accountant* jew ghall-awditur huwa stess billi jehmez *profit and loss account* u jiffirma l-applikazzjoni hu.

Ix-xhud ighid li f'dan il-kaz, galadarba l-applikant kien applika ghal ghotja ta' izjed minn hamsin elf euro (€50,000) allura din il-parti tal-formola kellha timtela minn *accountant*. Hekk gara f'dan il-kaz u fil-fatt din il-formola kienet iffirmata minn Pauline McKay ghan-nom ta' Ksi Malta. Ix-xhud ghalaq billi qal li ma kienx hemm bzonn li l-*accountant* jezebixxi jew jannetti dokumentazzjoni ma din l-applikazzjoni.

5. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2012 xehed iben il-konvenut li qal li meta huwa kien Sqallija, huwa kien iltaqa mal-attur b'kumbinazzjoni u d-diskors waqa fuq dak li kien jaghmel l-attur. Huwa qal li l-attur infurmah li "*... l-karti li kienu jimlew il-bdiewa ghall-ghajnuna mill-Unjoni Ewropea kienu jghaddu minn taht idjeh*" (fol. 80). Ix-xhud infurmah li huwa kellhom in-naghag u li kienu jghamlu l-gbejniet. Skond dan ix-xhud, l-attur qallu li jekk huma japplikaw ghas-sussidju, huma kienu jiehduh zgur l-ghaliex il-karti kienu ser jghaddu minn taht idejh. Mar-ritorn tieghu Malta, x-xhud qal li huwa mar jigbor il-karti kollha li kellhom bzonn u tawhom lill-attur. Ix-xhud ighid li "*l-attur kull ma ghamel kien illi ffirma l-karta. Jiena kont imbaghad iltqajt ma' l-attur id-dar tieghu u dan sabiex intih il-karti* " (fol. 80).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Permezz ta’ din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ elf mija u tmenin euro (€1,180) rapprezentanti prezz ghal servizzi u prestazzjonijiet professjonali svolti a beneficcju tal-konvenut liema servizzi kienu jinkludu l-mili ta’ formola sabiex l-istess konvenut ikun jista japplika ghal skema ta’ fondi mill-Unjoni Ewropeja ntitolata *Measure 121/Modernisation of Agriculture Holdings*.

7. Da parti tieghu l-konvenut ddefenda ruhhu billi qal li l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat u ma jirrispekjax il-mili tal-formola li giet sottomessa minnu lill-awtoritajiet governattivi. Dan apparti l-fatt li hafna mill-informazzjoni kellu jakkwistaha l-istess konvenut. Finalment qal li huwa dispost li jhallas l-ammont minnu dovut, pero ma huwiex dispost li jhallas il-pagament esagerat li qeghdin jirreklamaw l-atturi.

8. Jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet nibtet meta l-attur Joseph Gauci iltaqa ma iben il-konvenut, Gakki, waqt li dawn it-tnejn kienu Sqallija u hemm waqa d-diskors fuq it-tip ta’ xoghol li jaghmel l-attur gewwa Malta. Iben il-konvenut infurmah li hu u missieru kellhom in-naghag gol-*farm* taghhom u hemm kienu jaghmlu l-gbejniet. L-attur infurmah li huwa seta jghinu sabiex ittejjeb u jimmodernizza l-attrezzi u l-facilitajiet li kienu qeghdin jintuzaw fil-farm ta’ missieru u dan billi japplikaw mad-dipartiment koncernat ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Fil-fatt, malli waslu Malta, l-konvenut u ibnu marru fid-dar ta’ l-attur u wara li dan spjega lill-konvenut dak li kien qal lill-iben l-istess konvenut, u kienu ftehmu li t-Tnejn ta’ wara l-konvenut kellu jmur fl-ufficju ta’ l-attur sabiex jaraw x’kien hemm bzonn li jsir. Meta wasal fl-ufficju ta’ l-attur, il-konvenut gie ntrodott ma tfajla (Pauline McKay) li talbitu sabiex igibilha xi dokumenti halli meta tigi biex timla l-formola ghall-ghotja hija jkollha kollox ghad-disposizzjoni taghha. Fil-fatt il-konvenut hekk ghamel u xi ftit taz-zmien wara li huwa ha l-affarijiet kollha li talbitu jgib Pauline McKay, hija kienet cemplitlu sabiex jkun jista jmur jigbor il-formola halli jkun jista jehodha l-Ghammieri. Meta taghtu l-

formola, u skond ma jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attur, il-konvenut kien inghata l-kont ghas-servizzi rezi mill-atturi.

9. Wara xi zmien il-konvenut gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ma kienitx giet accettata u ghalhekk dak li kien applika ghalih ma kienx ser jinghatalu. Kien minn hawn li nqala d-dizgwid bejn il-partijiet u dan fis-sens li l-konvenut beda jirrifjuta li jhallas lill-atturi s-somma reklamata l-ghaliex huwa beda jghid li din is-somma kienet wahda esagerata u li l-atturi ma kienux jisthoqqilhom li jiehdu l-ammont pretiz ghal mili ta’ formola.

10. It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax fuq dak li qal iben il-konvenut, waqt li kien qieghed jixhed fis-seduta tad-9 ta’ Marzu, 2012 u cioe li “*l-attur kull ma ghamel kien illi ffirma l-karta*” (fol. 80). Anke minn semplici harsa lejn id-dokument mmarkat bhala dok. XX2 (fol. 41 et seq) u esebit minn Carmel Farrugia, rapprezentant tal-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, wiehed jinnotta li din l-asserzzjoni ta’ iben il-konvenut ma ghandhiex mis-sewwa. Hemm hafna iktar dettalji fuq dan id-dokumenti minn semplici firma kif prova jpingi s-sitwazzjoni iben il-konvenut.

11. Imbaghad l-istess konvenut jipprova jressaq il-bocca fejn il-lik meta jghid li l-attur kien qallu li jekk l-ghotja kienet tinghata huwa kien ikun irid wiehed fil-mija (1%) ta’ l-ghotja. Dan qed jinghad l-ghaliex it-talba ghal ghotja kienet ta’ mitt elf euro (€100,000) u wiehed fil-mija ta’ €100,000 jigi precizament €1,000. It-talba ta’ l-atturi hija ta’ €1,180. Il-konvenut ighid li huwa kien ftiehem mal-attur li jekk il-fondi jigu allura huwa kien lest li jhallsu dan il-wiehed fil-mija (1%) pero jekk l-ghotja ma tinghatax allura huwa kien lest li jhallsu ta’ idejh biss. Dwar dan l-ahhar fatt, il-konvenut ighid li huma ma kienux ftehmu kemm kien l-ammont li l-attur kien ser izommlu lill-konvenut ta’ idejh. L-attur da parti tieghu jghid li huwa kien informa lill-konvenut kemm kienet ser tigih l-ispiza tieghu ghal mili ta’ din il-formola.

12. It-Tribunal qed jiddikjara li l-verzjoni moghtija mill-atturi ghandha iktar mis-sewwa milli dik moghtija mill-konvenut. Il-konvenut ma huwiex japprezza, jew inkella ma jridx japprezza x-xoghol li l-attur u l-addetti tas-socjeta minnu rapprezentata ghamlu ghar-rigward tal-formola minnhom mimlija ghalih. Il-konvenut donnu ma jridx japprezza r-responsabbilita li jgorru l-professjonisti jew dawk inkarigati minn persuni bhal konvenut sabiex jaghmlu bicca xoghol ghalihom.

13. Ma jirrizultax mill-atti jew mix-xhieda ta' Carmel Farrugia, rapprezentant tal-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali x'gara minnha din l-applikazzjoni u r-raguni l-ghala l-konvenut ma inghatax il-fondi li huwa talab, pero meta l-attur xehed fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2012 huwa qal li "*f'dan il-kaz gara li kien hemm izjed applikazzjonijiet milli suppost u cioe milli kien hemm fondi u l-Gvern ghamel l-ghazla skont il-kriterji tieghu*" (fol. 85). Din l-ahhar affermazzjoni ta' l-attur qatt ma giet kontrastata permezz ta' kontro-ezami mill-konvenut.

14. Jinghad li l-process tal-kontro-ezami huwa li, "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible*[1]".

15. L-awtur **G. D. Nokes**[2] jghid li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness* […] *it is designed to test the accuracy of the witness's evidence* […] *cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the*

[1] **Peter Murphy**, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509;

[2] An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;

*opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation*."

16. L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn **Ian Dennis**[3] f'dawn it-termini: "*The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake*."

17. Issa, abbinat má dan, insibu ritenut li, "***Failure to cross-examine a witness*** *who has given relevant evidence for the other side* ***is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief****. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*[4]". L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*[5].".

18. Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli *mutatis mutandis* ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi r-rit procedurali civili taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-

---

[3] Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;

[4] **Peter Murphy**, *op. cit.*, p.511;

[5] **G. D. Nokes**, *op. cit.*, p.407;

*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.

19. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista eminenti Malti **Paolo De Bono** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso"*. (pp.322–323).

20. Bhala ezempju recensjuri ta' dak hawn fuq spjegat, it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza **Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela**[6] fejn naraw li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur **Peter Murphy** (ara *supra*), l-opra "*Modern Law of Evidence*" (2nd edition) ta' **Adrian Keane** u l-opra ntitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Aktar qrib zminijietna, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-

[6] Deciza fis-27 ta' April, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili per S.T.O. J. Said Pullicino;

kawza fl-ismijiet **Michael Agius vs. Rita Caruana**[7] ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata má produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

21. Dan juri li referenza ghandha ssir lejn il-principji regolaturi Inglizi fuq it-tematika tad-dritt procedurali relattivi ghall-provi u x-xhieda fil-qasam civili.

22. Biex nghalqu fuq din it-tematika tal-kontro-ezami, jinghad li *di natura* l-kontro-ezami "*is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth*[8]".

23. Illi mehud dan kollu li inghad hawn fuq, kif ukoll ix-xhieda moghtija f'dan il-kaz, it-Tribunal qed jiddikjara li l-atturi irnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom u t-Tribunal ma intweriex ghas-sodisfazzjon tieghu kif l-ammont reklamat mill-atturi huwa esagerat. Anzi, mill-ammont ta' sieghat li jirrizulta li l-atturi ghamlu fuq dan ir-rapport, l-ammont reklamat huwa wiehed ragjonevoli.

24. Illi in vista ta' dak li nghad hawn fuq, l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistawx isibu sostenn minn dan it-Tribunal.

25. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, jilqa t-talba attrici fl-ammont ta' elf mija u tmenin euro (€1,180) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u tmenin euro (€1,180) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-29 ta' Jannar, 2009 (data tal-prezentata tal-formola mal-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fol. 70).

---

[7] Ara digriet kamerali moghti fl-10 ta' Marzu, 2011 mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef;

[8] **Larry S. Pozner** u **Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------